MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 76/2007

**Sharon Zahra (I.D. 443883M)**

**Vs**

**Jonathan Gerada**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 Jannar 2007, fejn l-attrici ppremettiet illi l-attrici u l-konvenut kienu socji (50/50) f'partnership de facto; illi minkejja li dan il-partnership ma kinitx formalment registrat ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji u ma gietx formalment stabilita b'att formali din il-partnership, tirrizulta mill-agir tal-kontendenti kif jidher fost l-ohrajn, minn l-anness dokument tal-VAT number (Sh01) kif ukoll mill-fatt illi l-kontendenti kienu stabbilew joint bank account; illi l-partnership bejn il-konvenut u l-attrici tirrizulta fl-ekwita` u jekk dan il-partnership ma jigiex rikonoxxut dan jirrizulta f'arrikkiment

ingust; illi matul l-ezistenza taghha din il-partnership irceviet somma ta' Lm934 u ffatturat is-somma ulterjuri ta' Lm500 u s-somma ta' Lm934 giet iddepozitata fl-account miftuh mill-kontendenti; illi l-attrici ghandha dritt ghal 50% tas-somma ircevuta (ossia Lm467) u s-somma fatturata (ossia Lm250); jghid ghalhekk l-attur ghaliex dan it-tribunal ma ghandux (1) Jiddikjara li l-attrici u l-konvenut kienu f'partnership de facto jew ghaqda ohra li tezisti fl-ekwita`; (2) Jiddikjara illi l-attrici ghandha d-dritt ghas-somma komplessiva ta' Lm717 rapprezentanti 50% tas-somma ricevuta (ossia Lm467) u 50% tas-somma fatturata (ossia Lm250); (3) Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm717; (4) Taghti kwalsiasi provvediment li jidhrilha xieraq; bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ipprezentata fit-23 ta' Frar 2007 li fiha l-konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi (1) preliminarjament dan it-Tribunal mhuwiex munit bil-kompetenza li jiddeciedi u jaqta` kawzi dikjaratorji kif mitlub mill-attrici; (2) illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-provi u tal-kawza; (3) illi dejjem minghajr pregudizzju hija fil-fatt l-attrici li hija debitrici tal-konvenut fl-ammont ta' elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,005) u ghal dan il-ghan qieghda ssir il-kontro-talba; bl-ispejjez kontra l-attrici.

Ra l-**kontro-talba** tal-konvenut li fiha l-konvenut rikonvenzjonat talab il-hlas tas-somma ta' Lm1,005 rapprezentanti s-sehem li r-rikonvenuta ghandha thallas mill-ispejjez u infiq globali ta' Lm2010 relatati max-xoghol ta' web-design u servizzi ohra relatati pprovduti lil terzi, liema xoghol il-kontendenti kienu assocjati jaghmlu flimkien, u li thallsu kollha mir-rikonvenjenti minn butu; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-**Risposta** tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut ipprezentat fil-5 ta' Marzu 2007, li fiha hija eccepiet illi l-kontro-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi: (1) Sharon Zahra

m'ghandha thallas xejn lil Jonathan Gerada ghaliex kwalsiasi spiza attribwibbli ghan-negozju li kellha ma' Gerada diga` nqasmet ekwament bejn il-partijiet u Zahra hallset is-sehem taghha kollu; (2) illi fil-fatt huwa Gerada li ghandu jaghti lil Zahra s-somma ta' Lm717; (3) illi t-talba li ghamlet Zahra hija ghal somma li hija 'net of expenditure', liema spejjez Zahra diga` hallset 50% minnhom kif ser jigi spjegat ahjar fil-kors tal-kawza; (4) illi l-ispejjez vantati mhumiex attribwibbli ghan-negozju li l-partijiet kellhom flimkien; (5) illi huwa nverosimili illi negozju b'overheads baxxi bhal m'hu dak tal-web-design jinkorri spejjez ta' Lm2010 u jaffettwa biss Lm1,434.

Sema` x-xhieda ta' **Joseph Borg Cardona**, ingunt mill-attrici, li waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2007 xehed illi huwa Manager fil-Legal Office tal-Bank of Valletta u kkonferma illi l-kont indikat fl-ingunzjoni huwa f'isem Sharon Zahra u Jonathan Gerada u huwa wkoll account IBG Studios li ghalih iz-zewg partijiet flimkien huma l-firmatarji.

Mistoqsi fejn jintbaghtu l-istatements huwa jghid illi ma ghandux nota fejn immorru imma fil-file ghandu zewg indirizzi taz-zewg partijiet. Huwa pprezenta wkoll Dok JBC1 li huwa *statement ta' l-account* sa dik il-gurnata. Ix-xhud ipprometta wkoll illi fi stadju ulterjuri jesebixxi kopja ta' l-istatements kif jintbaghtu lill-account holder.

Waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2007 esebixxa statements ta' account number 40014246823 f'isem Jonathan Gerada u Sharon Zahra, account IDG Studios (Dok JBC2), kif ukoll il-vouchers relattivi ghat-transactions kollha li jidhru fl-istatement tal-kont in kwistjoni (Dok JBC3). Huwa jikkonferma illi l-vouchers jirriflettu kull transazzjoni li saret f'dan il-kont u mill-istatement ma jidhrix li nhargu cekkijiet minnu.

Ra l-affidavit ta' **Sharon Zahra** li fih xehdet illi ghall-habta tas-sajf ta' 2003 hija u Jonathan Gerada ftehmu li jistabilixxu assocjazzjoni flimkien u jaqsmu d-dhul u l-infiq 50/50. Hija tghid li l-infiq qasmuh 50/50 izda d-dhul zammu kollu Gerada. Huma kienu fethu joint bank account u rregistraw ruhhom flimkien ghall-VAT. Hija

tixhed illi xtaqet taghmel partnership deed formali izda Gerada kien jittratjeni. Tghid ukoll illi l-maggoranza tax-xoghol gabitu hi.

Ix-xhud tghid illi fil-joint account taghhom hemm is-somma ta’ Lm934 li minnhom hija jmissha 50% ossia Lm467. Hija tghid ukoll illi ffatturaw somma ohra ta’ Lm500 li ghandha x’tifhem li thallset mill-klijenti u ghalhekk hija jmissha Lm250 ohra, biex b’hekk hija jmissha Lm717.

Hija tghid ukoll illi l-ispejjez tal-business kienu hallsuhom flimkien u issa hallsuhom kollha. Hija tiftakar li kienu jmorru l-bank u Gerada kien mill-ewwel jithallas tal-ispejjez tieghu. Ix-xhud tghid ukoll illi fl-ewwel gimgha ta’ Dicembru tal-2006, Gerada xtara computer li jiswa hafna flus u zammu ghalih wahdu. Filfatt dan il-computer ghadu ghand Gerada u hija ma ghandiex access ghalih.

In konto-ezami, l-attrici Sharon Zahra (21 ta’ Novembru 2007) xehdet illi l-ispejjez f’paragrafu 11 ta’ l-affidavit taghha huma riferuti ghal spejjez ta’ dawl, mobile phones, u internet service. Hija tghid illi kemm hi kif ukoll Gerada gew ikkunpensati l-ispejjez kollha li ghamlu. Hija tghid illi ma kinitx titolbu kopji ta’ l-ircevuti ghax kienu jafdaw lil xulxin.

B’referenza ghal paragrafu numru tmienja tal-affidavit taghha, hija tghid illi dawk il-Lm250 jirrapprezentaw xoghol ta’ programming li kienet ghamlet lil klijent u li ghadha ma thallsitx tieghu. Hija tghid illi mit-tliet klijenti illi semmiet fl-affidavit taghha, hija tikkalkula li qliegh dahal Lm250 minghand Dr Silvio Debono, plus posting ta’ Lm100 fis-sena maqsumin u pagabbli sitt xhur sitt xhur, filwaqt illi l-website ta’ Anthony Valvo kienet ta’ Lm350 plus Lm200 fis-sena hosting. Ghalhekk ix-xhud tghid li ffatturaw somma ulterjuri ta’ Lm500, ma ghandiex fattura f’dan is-sens, pero` tista` tipprovdiha fi stadju ulterjuri. F’dak il-kaz il-klijent kien Malta Sailing li kienu ghamlulha website. Hija tghid li kienet harget invoice u sa fejn taf hi Gerada kien gabar il-flus izda hi baqghat ma thallsitx. Ix-xhud tikkonferma wkoll illi mill-Lm250 li qeghda titlob hija ma naqqsitx spejjez. Hija tghid li ma tiftakarx li Gerada

kien cemplilha biex jgharrafha li l-computer tieghu kien garrab hsara.

L-attrici tghid illi l-computer li kien xtara kien jiswa madwar Lm1000. B'referenza ghall-LAN gaming business hija tghid illi Gerada kien jghid li jmur mhux ghall-flus izda sabiex jaghmel riklam ghan-negozju taghhom. Hija tghid li kienet esprimiet l-impressjoni taghha li dan kien telf ta' zmien ghaliex ma kinitx it-tip ta' klijentela li kienu qed ifittxu.

Ix-xhud tghid illi hija kienet tohrog l-invoices ghaliex Gerada qatt ma kien johrog invoice, u hija kienet taghmel dan fuq il-VAT number li kien kongunt bejniethom.

B'referenza ghad-dokumentazzjoni esebita mis-Sur Borg Cardona hija tghid illi hafna withdrawals li jidhru fl-istatements saru mill-konvenut ghaliex kien jghid li kellu hafna spejjez. Hija tikkonferma pero` illi la hi wahdeha u lanqas Gerada wahdu ma kellu access ghall-kont ghaliex dan kien *joint account*. Hija tghid li dawn l-istatements rathom l-ewwel darba meta gew esebiti l-Qorti ghaliex Gerada qatt ma uriha statements.

Ra l-affidavit ta' **Mario Gerada**, missier Jonathan Gerada, li jghid illi ghalkemm kien wissa lit-tifel tieghu dwar il-fatt li jidhol fi shab ma' Sharon Zahra, huwa xorta dahal ghaliha. Huwa jghid illi kienu jahdmu taht l-isem IDG Studios. Huwa jghid li wissa` lit-tifel sabiex jaghmel xi haga bil-miktub izda deherlu illi s-siehba tieghu ma riditx u l-karta ma saritx. Kemm il-darba huma ma kinux jistghu juzaw it-telephone tad-dar ghaliex Jonathan kien ikun qieghed icempel. Jghid illi t-tifel kien full-time fuq dan ix-xoghol u ghalhekk ma kellux hinijiet x'hin jieqaf. Kien ikollu wkoll ihalli l-computer mixghul il-hin kollu sabiex jaqdi l-klijenti. Huwa jghid li kien lahaq ftehim ma' ibnu li hu jikkontribwixxi Lm0.50 kuljum ghad-dawl, ilma u l-post u b'kollox kien hallsu Lm365. Gieli tah ukoll xi flus ghat-telefon izda ta' dan kien ihallsu okkazjonalment meta kien juzah hafna skond ix-xoghol, u ma zammx rendikont ta' dan. Huwa jghid li kien spiss jarah juza l-mobile ghal xogholu.

Ix-xhud jghid li ghalkemm fil-bidu deher li ma kellux problemi, wara ftit ibnu beda jirrakontalu li s-siehba tieghu ma kinitx qed taghti sehemha u f'xi zmien ma riditx tmur mieghu il-Bank biex jingibdu l-flus halli jithallsu l-ispejjez. Huwa jghid li kien hemm drabi fejn kellu jhallsu xi flus ghaliex ma kellux biex jghaddi. Jghid ukoll li ibnu sofra wkoll hsarat fil-computer li huwa kien juza ghax-xoghol u kien nefaq hafna flus biex xtara iehor. Huwa jghid li malli nfethet din il-kawza huwa ma baqa` jitolbu xejn.

Ra l-affidavit ta' **Jonathan Gerada** li fih xehed illi huwa jidhirlu illi l-ammont ta' spejjez li ghalihom trid tikkontribwixxi l-attrici huwa akbar mill-ammont ta' flus li qeghdha titlob hi, apparti l-fatt illi l-ammont mitlub minnha ma huwiex gustifikat.

Huwa jghid illi hu kien full-time fuq dan ix-xoghol mentri Sharon kellha xoghol full-time differenti ma' *Ernst & Young* u sa fejn jaf hu llum tahdem mal-Go Mobile. Wara xi ftit xhur ix-xhud jghid illi xtaq li jaghmlu ftehim bil-miktub sabiex jaraw kif se jinqasmu l-flus skond kemm kienu jqattghu hin fuq ix-xoghol, izda l-attrici ma riditx. Huwa jghid li r-raguni ghal dan kien li hi ma kinitx lesta tiddedika l-hin taghha kollu fuq dan ix-xoghol bhalu. Ghalhekk, huwa kien jipprova jaqsam ix-xoghol ugwalment bejniethom sabiex jaqsmu l-flus indaqs, izda nholqulu l-problemi. B'dan l-arrangament kienu ghamlu xoghol ghall-Kunsill Lokali tax-Xghajra u l-Istituto Italiano di Cultura.

Huwa jghid illi ma jaqbilx ma' Sharon meta qalet li Maltasailing.com kienu klijenti taghhom ghax jaf li nqdew b'haddiehor u filfatt esebixxa Dok JG1 li juri li nqdew b'Brokenaxe Solutions. Lanqas ma jaqbel li kienu ffatturaw somma ulterjuri ta' Lm500 ghax hu ma jafx bihom. Lanqas ma huwa minnu illi hija kienet investiet hafna hin u xoghol ghaliex 95% tax-xoghol kien jaghmlu hu, u wara ftit sahansitra 100% tax-xoghol kien jaghmlu hu ghaliex Sharon kienet qatghet il-kuntatt. Jghid illi l-klijenti, suppliers u haddiema kollha lilu jafu, kien hu li fittex il-programmers ghax-xoghol u dan kollu bil-mankament li ma setax jaccessa l-flus li kellhom il-bank

sabiex ihallas l-ispejjez. Kien hemm anke xoghol li ma hadux habba f'hekk.

Il-konvenut isemmi l-ispejjez tal-business fl-ammont komplessiv ta' Lm2010 li l-attrici kienet irrifjutat li tmur mieghu il-bank sabiex jithallas, u ghalhekk huwa hallashom minn butu. Dawn huma Lm1,490 abbazi tal-ircevuti Dok JG2 u JG9, Lm75 spejjez ta' Tshirts bil-logo IDG, Lm80 hlas ghat-telefonati tal-business, Lm365 hlas lil missieru li jkopru dawl, ilma u spazju. Huwa jzid li l-korrispondenza, website, dettalji ta' indirizzi u numri tat-telephone u tal-mobile ta' dana l-business kienu kollha tad-dar tieghu. Meta kienu jipprovdu s-servizz ta' hosting fejn izzomm il-website tal-klijent online halli n-nies ikunu jistghu jarawha l-hin kollu, huwa kien ihalli l-computer tieghu mixghul il-hin kollu.

Rigward it-Tshirts ix-xhud jghid li kienu parti mill-*promotional material* li ghamlu biex jirreklamaw il-business, izda l-attrici rrifjutat li tiehu wiehed biex tilbsu halli taghmel reklam. Huwa jghid illi l-website tal-IDB holoqha hu imma qatt ma seta` jiftaghha ghaliex ma setax iktar ihallas minn butu peress illi ma kellux access ghall-flus u lill-attrici ma kienx isibha. Huwa jghid illi barra l-ispejjez imsemmija hemm ukoll servizzi li tawh hbieb tieghu u li taghhom kien ikollhom ihallsu kieku mhux ghax kienu hbieb tieghu. Lanqas ma nkluda l-hin full-time tieghu u l-computer li kien thassarlu u li floku kellu jixtri iehor biex ikompli jahdem ghall-prezz ta' Lm1,200. F'dan ir-rigward jghid li ma jaqbilx ma' l-attrici meta tghid li dan il-computer zammu ghall-uzu personali tieghu ghaliex filfatt uzah sabiex ikompli x-xoghol tal-klijenti. Ma jaqbilx mal-attrici illi hu kellu xi klijenti fil-'LAN' gaming business ghax dan kien hobby tieghu. Huwa kien stieden lill-attrici sabiex tmur mieghu izda hi ma gietx ghax qalet li kien weekend. Huwa kien mar u libes T-shirt tal-iDG bhala riklam u anke ghamel xi spejjez ohra.

Huwa ma jaqbilx illi huwa kien jithallas mill-ewwel tal-ispejjez, infatti kien thallas biss l-ewwel ftit drabi meta hija kienet marret mieghu il-Bank. Huwa jghid li sahansitra kellu jissellef ftit flus minghand missieru. Darba minnhom

l-attrici kienet bghatitlu ittra bl-avukat u wara li talabha tiggustifika l-ammont mitlub, hija fethitlu l-kawza. Kien ghalhekk li huwa wkoll talab l-ispejjez dovuti min-naha taghha li jammontaw ghal Lm1005.

Sema` x-xhieda ta' **Sharon Zahra** li waqt is-seduta tal-21 ta' April 2007 in ri-ezami tghid illi l-*joint account* li kien hemm kellu jinqasam nofs bin-nofs. Hija zzid illi ma dahlitx tahdem full-time mad-ditta peress illi ma kienx hemm bizzejjed xoghol kif ukoll xtaqet tiehu aktar esperjenza ma fejn kienet qed tahdem sabiex tghinha fix-xoghol mal-konvenut. Hija tghid illi L-Istituto di Cultura u Dital Retails huma zewg entitajiet distinti u l-Kunsill Lokali tax-Xghajra u Dital Retails kienet hi li ntroduciethom lid-ditta taghhom. Hija tghid illi kif jixhdu dokumenti li ghandha f'idejha l-Malta Sailing ghadha hosted fuq is-server taghhom u kienu huma li ghamlu x-xoghol. Hija zzid illi x-xoghol fuq il-website kien waqaf minhabba nuqqas ta' qbil bejnha u bejn il-konvenut fuq il-programmer.

Dwar il-fattura ta' Lm500 hija tghid illi kien il-konvenut li kien qallha li rcieva jew se jircievi cekk f'ismu u kienu qalilha li riedu jmorru flimkien biex isarrfuh. Dwar l-ispejjez elenkati mill-konvenut hija tghid illi dwar l-ewwel item kien hemm uhud minnhom li kienet taf bihom imma mhux kollha; dwar it-tieni item qatt ma approvat xejn; it-tielet item hija item ta' spejjez bhalma kellha hi; dwar ir-raba` item hija tghid illi anke hi kellha spejjes ta' mobile li mhux inkluzi fit-talba taghha u hi wkoll kienet tahdem mid-dar taghha.

Dwar punt numru ghaxra tal-affidavit tal-konvenut hija tghid illi l-konvenut ma kienx juza l-computers tieghu biex jihhostja l-website tal-klijenti taghhom u hi wkoll dejjem halliet il-computer mixghul minhabba n-natura tax-xoghol. Dwar Dok JG2 hija tghid li s-server setup qatt ma kien hemm bzonn u dan ghaliex ma ghandekx bzonn taghmel setup ghal kull website. L-istess japplika ghal Dok JG3 ukoll peress illi din kienet tax-Xghajra Local Council u allura kien kollox f'idejn il-MITTS. L-istess haga riferibbli ghal Dok JG4 u dwar JG5 hija qatt ma pprovat dawn l-ispejjez. Tghid ukoll illi safejn taf hi qatt ma uzaw dawk is-

servizzi. Dwar JG7 hija tghid li qatt ma taf illi uzaw dan is-servizz ghall-klijenti pero` tiftakar li kienu xtraw affarijiet simili minghand l-Iscan Computers ghal affarijiet personali taghhom. Dwar JG9 tghid illi ma tafx ghal liema uzu ta' klijent seta` kien izda tghid li fil-linja taghhom ma kienx hemm bzonn speakers.

Dwar il-LAN gaming hija tghid li qatt ma marret mas-Sur Gerada peress illi dejjem sostniet illi dak mhuwiex xoghol li seta` jkattrilhom xoghol ghall-partnership. Dwar il-hardware illi l-konvenut jghid li xtara hija tghid illi ma tafx fejn qieghed u qatt ma kkonsenjala ebda hardware jew oggetti ohra.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra :

Illi b'din il-kawza, l-attrici qed tittanta tithallas minghand il-konvenut is-somma ta' elf sitt mija u sebghin Euro u sittax il-centezmu (€1670.16) – gja Lm717 – ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, imma principalment rapprezentanti in kwantu ghal €1087.82 nofs d-depositu bankarju li jinsabu f'kont kongunt bejniethom, u in kwantu ghal €582.34 rappresentanti sehma minn invoice mahruga ghal xoghol maghmul mill-kontendenti lil terzi u allegatament mhallas lill-konvenut.

Illi minn naha tieghu, l-konvenut jichad illi ghandu jhallas l-ammont minnu riklamat u anzi jressaq kontro-talba ghas-somma ta' elfejn, tlett mija u wiehed u erbghin Euro u zewg centezmi (€2341.02) – gja Lm1005, rappresentanti s-sehem tal-konvenuta mis-somma ta' €4682.04 – gja Lm2010 – spejjes minnhu inkorsi fiz-zmien maghmul bejniethom bhala socji fin-negozju.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi kemm mit-talbiet rispettivi u kif ukoll mill-provi prodotti, jidher illi huwa pacifiku jinghad illi ghal xi zmien il-kontendenti haddmu flimkien fuq progett kummercjali bhala shab indaqs. Pacifiku ukoll li jinghad illi llum dahhlu

f'pika tremenda bejniethom li halliethom it-tnejn ma jibqghux jirragunaw u wasslithom sa hawnhekk.

Illi jirrizulta ukoll illi fil-kont kongunt fil-Bank of Valletta hemm is-somma indikata mill-attrici, ossia €2193.83 kif jirrizulta minn DOK JBC 1 u DOK JBC 2. Sakemm ghalhekk wiehed jistrieh fuq dan BISS, it-Tribunal ma jsibx diffikulta` jordna illi dan il-kont jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u l-attrici tiehu s-somma ta' €1096.91.

Jifdal pero` illi it-Tribunal jissindika il-parti l-ohra tal-pretensjoni avvanzata mill-attrici – sabiex imbaghad ipoggi kollox fil-perspettiva tad-difiza u l-kontro-talba mressqa mill-konvenut.

Illi in kwantu ghall-fattura ta' €1164.69 – gja Lm500 – li minnhom l-attrici qed tippretendi nofshom, ossia €582.34, l-attrici ssostni illi din il-fattura kienet tirrapresenta xoghol ta' programming maghmul lill-Kunsill Lokali tax-Xgharja u li hija stess tghid "*ghandi x'nifhem illi s-somma fatturata ta' Lm500 thallset mill-klijenti*". B'dana kollu ma tghidx xi jwassalha biex tifhem hekk – u oltre` dan, ma hemmx dubbju illi stqarrija bhal dik ma twassalx ghall-provi rikjesta f'dan il-kamp biex tikkonvinci lit-Tribunal jilqa` tali talba. Aktar u aktar meta l-konvenut jichad l-pretensjoni ta' l-attrici fir-rigward ta' din il-fattura u ighid illi "*ma nafx b'dawn il-flus u min kellu jhallashom lilna u lanqas qatt ma rajt il-kont relattiv*".

Ma ngiebet ebda prova illi l-fattura harget, anke jekk ix-xoghol seta` sar, u wisq anqas prova illi l-konvenut thallas l-ammont msemmi a bazi ta' din il-fattura fittizja.

B'dan maghdud allura, sa issa u minghajr ma jittiehed kont tal-kontro-talba, hemm bilanc a favur l-attrici ta' nofs il-bilanc fil-kont bankarju, fl-ammont ta' €1096.91, li jrid jinghad, ma hux fil-pussess esklussiv tal-konvenut, izda f'kont kongunt bejn il-partijiet.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenut, dan jippretendi l-hlas ta' elfejn, tlett mija u wiehed u erbghin Euro u zewg centezmi (€2341.02) – gja Lm1005, rappresentanti s-

sehem tal-konvenuta mis-somma ta’ €4682.04 – gja Lm2010 – spejjes minnhu inkorsi fiz-zmien maghmul bejniethom bhala socji fin-negozju.

Fl-affidavit tieghu jaqsam dawn l-ispejjes f’erba` items principali, (1) l-ircevuti annessi, (2) spejjes ghal-logo tat-T-Shirts, (3) telefonati mid-dar u (4) hlas maghmul lill-missieru ghad-dawl u spazju mehud mid-dar.

It-Tribunal sejjer jezamina kull wahda minn dawn l-items.

L-ewwel item ammontanti ghal €3470.77 (Lm1490) tirrapprezenta numru ta’ spejjes maghmula – u l-konvenut jesebixxi numru ta’ ricevuti (mhux fiskali) DOK JG2 sa DOK JG 9.

Dwar l-istess ricevuti, l-verzjoni u l-ispjegazzjoni tal-attrici xejn ma kienet konvincenti. Li ma kienitx taf li qed isiru tali spejjes, jew li ma kienx hemm bzonn isiru, jew li ma’ approvatx illi jsiru, dawn immissha rathom qabel meta l-kontendenti kienu fix-xoghol u shab indaqs bejniethom – u mhux issa. Huwa ghalhekk illi t-Tribunal propens illi jaccetta din l-ewwel item mressqa mill-konvenut u jiddikjara illi l-konvenut ghandu jiehu minghand l-attrici s-somma ta’ 1735.38 Euro.

Illi dwar it-tieni u t-tielet items, €174.70 (Lm75) ghall-ispejjes tal-logo tat-T-Shirts u €186.35 (Lm80) telefonati maghmula mill-konvenut, it-Tribunal wara li qies il-provi kollha prodotti, iqis illi mhux biss il-konvenut ma ressaq ebda prova dwar dawn l-ispejjes allegatament minnu inkorsi, izda b’ekwita` jaccetta ukoll il-versjoni tal-attrici illi hija ukoll ghamlet telefonati meta kienet fi shab mal-konvenut (kif kulhadd jaghmel) u li ma qaditx tfittex ghalihom. Fin-negozju ghandu jkun accettat illi telefonati isiru bhala parti integrali mix-xoghol u ma hemmx dubbju illi f’dan il-kaz kull parti ghamlet telefonati. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghal fatt illi ma ngiebet ebda prova illi thallsu t-telefonati allegatament maghmula mill-konvenut oltre` mill-fatt illi l-konvenut qatt ma talab ghal kumpens ghat-telefonati minnu maghmula qabel, imma

talabhom issa illi l-kontendenti dahhlu f'pika bejniethom li wasslithom sa hawnhekk.

Dwar ir-raba` item, €850.22 (Lm365) hlas maghmul lill-missieru sabiex ikun jista` juza d-dar bhala l-post tax-xoghol u biex ikopri dawl, ilma u spazju – minkejja x-xhieda ta' l-istess Mario Gerada, it-Tribunal, mill-assjem tal-provi u l-apprezzament taghhom, ihoss illi din il-parti tat-talba maghmula hija esagerata, inveritiera u mhux minnu illi sar il-hlas, izda qed titressaq bhala pretensjoni sabiex tgholli l-pretensjoni tal-konvenut kontra l-attrici. It-Tribunal, minkejja l-affidavit ta' Mario Gerada, mhux qed jemmen illi l-missier thallas minn ibnu tad-dawl, ilma u spazju fid-dar fejn jabita u jghix mal-familja, u dan talli hadem fuq computer mill-istess dar. Fis-sena 2008 meta kwazi kull dar ghandha computer ukoll ghall-uzu tal-familja u tat-tfal – it-Tribunal ihoss illi din it-talba hija esagerazzjoni kbira illi ma ghandiex tigi akkolta u mhix sostenibbli in kwantu illi qed issir biss sabiex l-konvenut jittanta japprofitta ruhu mill-attrici. Mario Gerada ighid illi "*ghandi esperjenza tal-hajja u lit-tifel tieghi kont nipprova naghtih parir l'hawn u l'hemm dwar kif ghandu jimxi fil-hajja*". It-Tribunal jispera ferm illi pretensjoni azzardata bhal din, pretensjoni ta' profittorum, pretensjoni intiza biss biex tivvantaggja ingiustament lill-konvenut fil-konfront tal-attrici, meta il-missier jaf u jaf sewwa (almenu it-Tribunal mhux jemmen illi l-missier thallas ta' dawn l-affarijiet – u hekk jispera illi huma l-affarijiet) – mhix pretensjoni avvanzata fuq parir tal-missier stess.

It-Tribunal, mill-apprezzament tal-provi prodotti, jikkonkludi illi mhux minnu li l-konvenut hallas lil missieru s-somma msemmija ghall-ispazju li okkupa f'darhu. Huwa f'dan il-kuntest illi t-Tribunal mhux ser jaccetta illi din ir-raba` item tintlaqa` u sejjer ukoll jichadha.

Mill-assjem tal-provi prodotti ghalhekk, it-Tribunal iqis illi l-konvenut huwa intitolat biss ghas-somma ta' €1735.38 (Lm745) u mhux l-intier minnhu mitlub fl-ammont ta' €2341.02 (Lm1005). Huwa ghalhekk intitolat ghas-somma ta' €1735.38 minghand l-attrici.

Jibqa` l-kwistjoni tal-*withdrawals* maghmula mill-kont bankarju kongunt, li minn DOK JBC 2 jirrizulta illi kienu jammontaw ghal €1462.85 (Lm628). Fl-affidavit tieghu, l-konvenut ighid illi "*infatti kont thallast biss l-ewwel ftit drabi meta hija kienet giet mieghi il-bank u allura stajt niehu l-flus mill-kont li kellna joint peress illi kienet tiffirma hi ukoll*". Minn naha taghha l-attrici fl-affidavit taghha tghid "*niftakar li konna mmorru l-bank u Gerada kien mill-ewwel jithallas ta' l-ispejjes tieghu*".

Huwa ghalhekk f'dan il-kuntest illi t-Tribunal jikkonkludi illi mis-somma ta' €1735.38 dovuti lill-konvenut kif hawn fuq konkluz, iridu jitnaqqsu €1462.85 (Lm628) li jirrappresentaw l-izbanki kollha li saru (tlieta b'kollox) mill-kont bankarju kongunt, sabiex jibqa` bilanc a favur il-konvenut ta' €272.53, li jirrizultaw li huma s-sehem ta' l-attrici mill-ispejjes li nkorra wahdu l-konvenut - u li ghalhekk ghandhom jitnaqqsu mis-somma hawn fuq likwidata a favur l-attrici fl-ammont ta' €1096.91. Il-bilanc dovut lill-attrici huwa ghalhekk dak ta' €824.38, li hija tista` liberament tehodhom mill-kont bankarju kongunt meta u jekk dan jigi likwidat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti, tad-dokumenti kollha esebiti u tal-fatti kollha li jiccirkondaw dan il-kaz, inkluz it-talba u l-kontro-talba, b'ekwita` jaqta u jiddeciedi billi jilqa` **biss** it-tieni u t-tielet talba attrici **limitatament** ghas-somma ta' €1096.91 (LM470.90), u filwaqt illi jastjeni milli jiddeciedi dwar l-ewwel u r-raba' talba attrici, jichad in parti il-kontro-talba tal-konvenut kif hawn fuq spjegat u jilqaghha limitatament fis-somma ta' €272.53, u b'hekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' **€824.38** ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

It-Tribunal jissollecita lill-partijiet sabiex jillikwidaw il-kont bankarju kongunt fil-parametri ta' din id-decizjoni sabiex l-pendenza ta' bejn il-partijiet ma tibqghax teskala inutilment.

Bl-imghax fuq is-somma hekk likwidata a favur l-attrici mid-data tal-presentata ta' l-Avviz. In vista tal-

konkluzjonijiet hawnhekk milhuqa u n-natura partikolari tal-kaz, ukoll tal-fatt illi huwa evidenti illi kienet pika taz-zewg partijiet li wasslithom sa hawnhekk, it-Tribunal iqis giust u ekwu illi kull parti tbaghti l-ispejjes legali u giudizzjarji rispettivi taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------